VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,044, 8 ta' Marzu, 2013
Taqsima B

A.L. 109 tal-2013

ATT DWAR L-AWTORITÀ TA' MALTA DWAR IR-RIŻORSI (KAP. 423)

Regolamenti tal-2013 dwar iż-Żamma ta' Livell Minimu ta' Ħażniet ta' Żejt Mhux Maħdum u, jew ta' Prodotti Petroliferi

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 28 tal-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, l-Ministru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali, wara konsultazzjoni mal-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu, skop u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2013 dwar iż-Żamma ta' Livell Minimu ta' Ħażniet ta' Żejt Mhux Maħdum u, jew ta' Prodotti Petroliferi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regolamenti hu li jittrasponu d-Direttiva 2009/119/KE li timponi obbligu fuq l-Istati Membri biex iżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u, jew ta' prodotti petroliferi.

(3) Dawn ir-regolamenti jistabbilixxu regoli bil-għan li jiżguraw livell għoli ta' sigurtà tal-provvista taż-żejt b'mekkaniżmi affidabbli u trasparenti bbażati fuq is-solidarjetà fost l-Istati Membri, li jżommu livell minimu ta' ħażniet ta' żejt mhux maħdum u, jew ta' prodotti petroliferi kif ukoll li jistabbilixxu l-mezzi proċedurali meħtieġa biex jiġi ttrattat nuqqas serju.

(4) Dawn ir-regolamenti għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fil-31 ta' Diċembru 2012.

Tifsir.

2. (1) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"aċċessibbiltà fiżika" tfisser arranġamenti għal-lokalizzazzjoni u t-trasport ta' ħażniet sabiex jiġi żgurat ir-rilaxx jew il-kunsinna effettiva tagħhom lill-utenti u s-swieq finali fl-iskedi ta' żmien u l-kondizzjonijiet li jwasslu biex itaffu l-problemi tal-provvista li jkunu setgħu nqalgħu;

"addittivi" tfisser komposti li mhumiex idrokarburi, miżjuda jew imħallta ma' prodott biex jimmodifikaw il-proprjetajiet tiegħu;

"l-Att" tfisser l-Att dwar Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi; Kap. 423.

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi mwaqqfa bl-artikolu 3 tal-Att;

"bijokarburant" tfisser karburant likwidu jew f'forma ta' gass użat għat-trasport u prodott mill-bijomassa, li hija l-frazzjoni bijodegradabbli ta' prodotti, skart u residwi mill-agrikoltura (inklużi s-sustanzi veġetali u dawk li ġejjin mill-annimali), il-foresterija u l-industriji relatati, kif ukoll il-frazzjoni bijodegradabbli tal-iskart industrijali u muniċipali;

"Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija" tfisser il-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (IEA), l-Organizzazzjoni inter-governattiva mwaqqfa bis-saħħa tal-"*Agreement on an International Energy Program*" (*I.E.P. Agreement*);

"*bunkers* marittimi internazzjonali" tfisser il-kwantitajiet ta' karburanti konsenjati lil bastimenti, itajru liema bandiera jtajru, li jintużaw fit-tbaħħir internazzjonali. It-tbaħħir internazzjonali jista' jsir fuq il-baħar, fuq għadajjar jew passaġġi tal-ilma qrib l-art, jew f'ilmijiet kostali. Dawn li ġejjin għandhom jiġu esklużi:

(a) il-konsum minn bastimenti involuti fi tbaħħir domestiku. Il-qasma domestika jew internazzjonali għandha tiġi stabbilita abbażi tal-port tat-tluq u tal-port tal-wasla, u mhux skont il-bandiera jew in-nazzjonalità tal-bastiment;

(b) il-konsum minn bastimenti tas-sajd;

(ċ) il-konsum minn qawwiet militari;

"deċiżjoni internazzjonali effettiva għar-rilaxx tal-ħażniet" tfisser kull deċiżjoni meħuda mill-Bord tat-Tmexxija tal-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija sabiex żejt mhux maħdum jew prodotti petroliferi jkunu disponibbli fis-suq permezz ta' rilaxx tal-ħażniet tal-membri tagħha u, jew miżuri addizzjonali;

"entità ċentrali ta' ħżin (EĊĦ)" tfisser il-korp jew is-servizz li lilu jistgħu jingħataw is-setgħat biex jaġixxi biex jakkwista, iżomm jew ibigħ ħażniet taż-żejt inklużi ħażniet ta' emerġenza u ħażniet speċifiċi, hawn aktar 'il quddiem msejħa "EĊĦ");

"Grupp ta' Koordinazzjoni" tfisser il-Grupp konsultattiv imwaqqaf bid-Direttiva 2009/119/KE biex jikkontribwixxi biex issir analiżi tas-sitwazzjoni fil-Komunità fir-rigward tas-sigurtà tal-provvista għaż-żejt u għall-prodotti petroliferi u għandu jiffaċilita l-koordinazzjoni u l-implimentazzjoni tal-miżuri f'dak il-qasam;

"ħażniet kummerċjali" tfisser dawk il-ħażniet ta' żejt li

jinżammu mill-operaturi ekonomiċi li mhumiex ħtieġa skont dawn ir-regolamenti;

"ħażniet speċifiċi" tfisser ħażniet ta' żejt li jissodisfaw il-kriterji mniżżla fir-regolament 9;

"ħażniet ta' emerġenza" tfisser ħażniet ta' żejt li huma meħtieġa li jinżammu skont ir-regolament 3;

"ħażniet ta' żejt" tfisser il-prodotti tal-enerġija li ġejjin, kif elenkati fl-ewwel paragrafu tas-Sezzjoni 3.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008:

(a) iż-żejt mhux raffinat;

(b) l-NGL;

(ċ) il-materja prima tar-raffineriji;

(d) idrokarburi oħra;

(e) il-gass tar-raffineriji (mhux likwifikat);

(f) l-etanu;

(g) il-GPL;

(h) in-nafta;

(i) il-gażolina għall-magni;

(j) il-gażolina għall-avjazzjoni;

(k) *jet fuel* tat-tip gażolina (*jet fuel* tat-tip nafta);

(l) *jet fuel* tat-tip pitrolju;

(m) pitrolju ieħor;

(n) iż-żejt tal-gass jew tad-diżil (iż-żejt tal-karburant distillat);

(o) id-diżil tat-trasport;

(p) iż-żejt tal-gass tat-tisħin u ieħor;

(q) iż-żejt tal-karburant (kemm b'kontenut baxx kif ukoll b'kontenut għoli ta' kubrit);

(r) l-ispirtu abjad u l-SPB;

(s) il-lubrikanti;

(t) il-bitum;

(u) ix-xemgħat tal-paraffin;

(v) il-kokk tal-pitrolju;

"interruzzjoni maġġuri tal-provvista" tfisser tnaqqis minnufih u sostanzjali fil-provvista taż-żejt mhux maħdum jew tal-prodotti petroliferi lill-Komunità jew lil Stat Membru, irrispettivament minn jekk dan wassalx għal deċiżjoni internazzjonali effettiva għar-rilaxx tal-ħażniet;

"konsum intern" tfisser il-kwantitajiet totali, ikkalkolati skont it-Tieni Skeda, kkunsinnati f'pajjiż għall-użu kemm fl-enerġija kif ukoll mhux fl-enerġija; dan l-ammont globali jinkludi kunsinni lis-settur ta' trasformazzjoni u kunsinni lill-industrija, it-trasport, id-djar u setturi oħra għall-konsum "finali"; huwa jinkludi wkoll il-konsum proprju tas-settur tal-enerġija (ħlief il-karburant tar-raffineriji);

"il-Kummissjoni" tfisser il-Kummissjoni Ewropea mwaqqfa bit-Trattat tal-Unjoni Ewropea kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona tal-2009;

"il-Komunità" tfisser il-Komunità Ewropea mwaqqfa bit-Trattat tal-Unjoni Ewropea kif emendat bit-Trattat ta' Lisbona tal-2009;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għar-riżorsi;

"operatur ekonomiku" tfisser kull persuna, korp jew entità meħtieġa li żżomm ħażniet ta' emerġenza taħt dawn ir-regolamenti;

"Regolament (KE) Nru 1099/2008" tfisser ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar statistika dwar l-enerġija;

"sena ta' referenza" tfisser is-sena kalendarja tal-konsum jew tad-*data* tal-importazzjoni netta użata għall-kalkolu tal-ħażniet li għandhom jinżammu jew il-ħażniet effettivament miżmuma fi żmien partikolari;

"Stat Membru" tfisser stat li jkun membru tal-Unjoni Ewropea.

Ħażniet ta' emerġenza u l-kalkolu tal-obbligi tal-ħżin.

3. (1) L-operaturi ekonomiċi għandhom iwettqu l-miżuri meħtieġa sabiex jiġi żgurat l-obbligu nazzjonali li l-ħażniet totali ta'

żejt li jinżammu f'kull ħin, jikkorrispondu, minn tal-inqas, għal disgħin jum ta' importazzjoni netta medja ta' kuljum jew wieħed u sittin jum tal-konsum intern medju ta' kuljum, skont liema miż-żewġ kwantitajiet ikun l-ikbar. L-Awtorità tista', minn żmien għal żmien, tadotta dawk il-miżuri amministrattivi, kif jidhrilha li jkunu meħtieġa, sabiex tiżgura t-twettieq ta' dan l-obbligu nazzjonali. L-Awtorità għandha tikkalkula l-ħażniet totali ta' żejt li għandhom jinżammu f'kull waqt minn kull operatur ekonomiku kif meħtieġ mill-Awtorità biex jinżammu minnhom.

(2) L-importazzjoni netta medja ta' kuljum li għandha tiġi kkunsidrata għandha tiġi kkalkolata abbażi tal-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-importazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti, determinata skont il-metodu u l-proċeduri mniżżla fl-Ewwel Skeda. Il-konsum intern medju ta' kuljum li għandu jiġi kkunsidrat għandu jiġi kkalkolat abbażi tal-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-konsum intern matul is-sena kalendarja preċedenti, stabbilita u kkalkolata skont il-metodu u l-proċeduri mniżżla fit-Tieni Skeda.

(3) Mingħajr ħsara għas-subregolament (2), il-medji ta' kuljum tal-importazzjoni netta u tal-konsum intern, kif imsemmija f'dak is-subregolament, għandhom jiġu ddeterminati, fir-rigward tal-perjodu mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu ta' kull sena kalendarja, abbażi tal-kwantitajiet importati jew ikkonsmati matul is-sena ta' qabel dik preċedenti għas-sena kalendarja involuta.

Kalkolu tal-livell tal-ħażniet.

4. (1) L-operatur ekonomiku għandu jikkalkola l-livelli tal-ħażniet miżuma bl-użu tal-metodi mniżżla fit-Tielet Skeda. Fil-każ tal-kalkolu tal-livell tal-ħażniet miżmuma għal kull kategorija skont ir-regolament 9, dawk il-metodi għandhom japplikaw biss għall-prodotti li jaqgħu taħt il-kategorija kkonċernata.

(2) Il-livelli tal-ħażniet miżmuma f'ħin partikolari għandhom jiġu kkalkolati bl-użu ta' *data* mis-sena ta' referenza ddeterminata skont ir-regoli mniżżla fir-regolament 3.

(3) Kull ħażna taż-żejt tista' tkun inkluża fl-istess waqt kemm fil-kalkolu ta' ħażniet ta' emerġenza kif ukoll għall-kalkolu tal-ħażniet speċifiċi kemm-il darba dawk il-ħażniet taż-żejt jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha stabbiliti b'dawn ir-regolamenti għaż-żewġ tipi ta' ħażniet.

Disponibbiltà tal-ħażniet.

5. (1) F'kull waqt, l-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi jkunu disponibbli u fiżikament aċċessibbli għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti. L-operaturi ekonomiċi għandhom jiżguraw li l-ħażniet ikunu identifikabbli, jingħata rendikont għalihom, u fil-kontroll

tagħhom, u li dawk il-ħażniet ikunu jistgħu jiġu verifikati f'kull waqt. Din il-ħtieġa għandha tapplika wkoll għal kull ħażna ta' emerġenza u ħażniet speċifiċi li jkunu mħallta ma' ħażniet oħra miżmuma minn operaturi ekonomiċi.

(2) Operaturi ekonomiċi għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa biex jimpedixxu kull ostakolu u impediment li jista' jfixkel id-disponibbiltà tal-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi. L-Awtorità tista' tistabbilixxi limiti jew kondizzjonijiet addizzjonali dwar il-possibbiltà li l-ħażniet ta' emerġenza tagħhom u l-ħażniet speċifiċi jinżammu 'l barra mit-territorju ta' Malta.

(3) Fejn ikun hemm raġuni għall-implimentazzjoni tal-proċeduri ta' emerġenza stabbiliti fir-regolament 20, l-Awtorità għandha tipprojbixxi, u l-operaturi ekonomiċi għandhom iżommu lura milli jieħdu, kwalunkwe miżura li tfixkel it-trasferiment, l-użu jew ir-rilaxx tal-ħażniet ta' emerġenza jew il-ħażniet speċifiċi miżmuma f'Malta f'isem Stat Membru ieħor.

(4) L-Awtorità tista' tagħti kull deċiżjoni jew tagħti kull direttiva li tista' tqis bħala meħtieġa, u l-operaturi ekonomiċi għandhom jobdu kull deċiżjoni jew direttiva bħal dawk, biex jiġi żgurat li l-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi jkunu disponibbli u fiżikament aċċessibbli għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti.

Reġistru u rapport annwali tal-ħażniet ta' emerġenza.

6. (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru kontinwament aġġornat u dettaljat tal-ħażniet ta' emerġenza kollha miżmuma minn Malta li ma jkunux jikkostitwixxu ħażniet speċifiċi. Dak ir-reġistru għandu jkun fih, b'mod partikolari, l-informazzjoni meħtieġa biex ikunu indikati b'mod preċiż, id-depost, ir-raffinerija jew il-faċilità għal ħżin fejn il-ħażniet ikkonċernati jkunu jinsabu, kif ukoll il-kwantitajiet involuti, is-sid tal-ħażniet u x-xorta tagħhom, b'referenza għall-kategoriji identifikati fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima 3.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008.

(2) Sal-25 ta' Frar ta' kull sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dawn ir-regolamenti, l-Awtorità għandha tibgħat lill-Kummissjoni kopja fil-qosor tar-reġistru tal-ħażniet imsemmi fis-subregolament (1) li turi mill-inqas il-kwantitajiet u x-xorta tal-ħażniet ta' emerġenza inklużi fir-reġistru eżistenti fl-aħħar jum tas-sena kalendarja ta' qabel.

(3) L-Awtorità għandha tibgħat ukoll lill-Kummissjoni kopja sħiħa tar-reġistru fi żmien ħmistax-il jum wara li ssir talba mill-Kummissjoniu mingħajr preġudizzju għal xi *data* relatata ma' kull perjodu preċedenti għall-1 ta' Jannar 2013. F'din il-kopja, tista' tkun miżmuma milli tintwera' *data* sensittiva relatata mal-post tal-ħażniet.

Entità ċentrali ta' ħżin.

7. (1) Il-Gvern jista' jistabbilixxi EĊĦ, iżda ma jistax jistabbilixxi aktar minn EĊĦ waħda jew minn xi korp wieħed simili. Il-Gvern jista' jistabbilixxi EĊĦ f'kull post ġewwa l-Komunità. Meta l-Gvern jistabbilixxi EĊĦ, din għandha tieħu l-forma ta' korp jew servizz mingħajr l-objettiv ta' profitt u taġixxi fl-interess ġenerali u m'għandhiex tkun ikkunsidrata bħala operatur ekonomiku fit-tifsira ta' dawn ir-regolamenti.

(2) L-għan prinċipali tal-EĊĦ għandu jkun li takkwista, iżżomm ftehimiet u tbigħ ħażniet taż-żejt għall-finijiet ta' dawn ir-regolamenti jew għall-fini li tikkonforma mal-ftehimiet internazzjonali li jikkonċernaw iż-żamma u l-manutenzjoni ta' ħażniet taż-żejt. L-EĊĦ għandha tkun l-uniku korp jew servizz li lilha jistgħu jingħataw is-setgħat biex takkwista jew tbigħ ħażniet speċifiċi.

(3) Il-Ministru jew l-EĊĦ jistgħu, għal perijodu speċifiku, jiddelegaw kompiti relatati mal-ġestjoni ta' ħażniet ta' emerġenza u, bl-eċċezzjoni tal-bejgħ u l-akkwist, ta' ħażniet speċifiċi, imma unikament lil:

(a) Stat Membru ieħor li fit-territorju tiegħu jkunu jinsabu tali ħażniet jew l-EĊĦ stabbilita minn dak l-Istat Membru. Kompiti li jkunu delegati b'dan il-mod ma jistgħux jiġu sottodelegati lil Stati Membri oħra jew lil l-entitajiet ċentrali ta' ħżin stabbiliti minnhom:

Iżda li l-Ministru, f'każ fejn ikunu ser jinżammu l-ħażniet fit-territorju ta Malta, għandu id-dritt li jagħmel id-delega kondizzjonali għall-awtorizzazzjoni tiegħu;

(b) operaturi ekonomiċi. Kompiti delegati b'dan il-mod ma jistgħux jiġu sottodelegati.

Fejn tali delega, jew kwalunkwe bidla jew estensjoni għal dik id-delega, tinvolvi kompiti relatati mal-ġestjoni tal-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi miżmuma fi Stat Membru ieħor, l-operaturi ekonomiċi għandhom ikunu awtorizzati minn qabel kemm mill-Ministru jew l-EĊĦ skont kif jista' jkun il-każ, li għalihom jinżammu l-ħażniet, u mill-Istati Membri kollha li fit-territorji tagħhom ikunu ser jinżammu l-ħażniet.

(4) L-EĊĦ għandha, għall-finijiet tar-regolament 8(1) u (3), tippubblika:

(a) fuq bażi kontinwa, informazzjoni sħiħa, imqassma skont il-kategoriji tal-prodotti, dwar il-volumi tal-ħażniet li hi tkun tista' twettaq li żżomm għall-operaturi ekonomiċi, jew,

fejn adatt, għal EĊĦ interessati:

Iżda l-EĊĦ, fil-każ meta l-ħażniet għandhom jinżammu f'Malta, għandu jkollha d-dritt li tagħmel id-delega soġġetta għall-aċċettazzjoni tagħha;

(b) mill-inqas seba' xhur minn qabel, il-kondizzjonijiet li taħthom hija lesta li tipprovdi servizzi relatati maż-żamma u l-manutenzjoni tal-ħażniet lill-operaturi ekonomiċi. Il-kondizzjonijiet li taħthom is-servizzi jistgħu jiġu provduti, inklużi kondizzjonijiet relatati mal-iskedar, jistgħu wkoll jiġu stabbiliti mill-Awtorità jew wara proċedura kompetittiva maħsuba biex tiġi stabbilita l-aħjar offerta fost l-operaturi jew, fejn adatt, entitajiet ċentrali ta' ħżin interessati.

(5) L-EĊĦ għandha taċċetta tali delegi taħt kondizzjonijiet objettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji. Il-ħlas mill-operaturi għas-servizzi tal-EĊĦ m'għandhomx jaqbżu l-ispejjeż kollha tas-servizzi mogħtija u ma jistgħux jintalbu qabel ma l-ħażniet jiġu kostitwiti. L-EĊĦ tista' tagħmel l-aċċettazzjoni tagħha ta' delega kondizzjonali għall-forniment ta' garanzija jew xi forma oħra ta' sigurtà mill-operatur.

Operaturi ekonomiċi.

8. (1) Kull operatur ekonomiku li fuqu l-Awtorità timponi obbligi tal-ħżin sabiex jissodisfa l-obbligi skont ir-regolament 3 għandu jingħata d-dritt li jiddelega minn tal-inqas parti minn dawk l-obbligi u fuq l-għażla tal-operatur ekonomiku, iżda biss:

(a) jekk ikun il-każ lill-EĊĦ; u, jew

(b) lil entità ċentrali ta' ħżin waħda jew aktar ta' Stati Membri oħra li jkunu ddikjaraw ruħhom minn qabel li jkunu lesti li jżommu tali ħażniet, kemm-il darba tali delegi jkunu ġew awtorizzati minn qabel kemm mill-Ministru kif ukoll mill-Istati Membri kollha li fit-territorji tagħhom dawn il-ħażniet ikunu ser jinżammu;

(ċ) lil operaturi ekonomiċi oħra li jkollhom ħażniet żejda jew kapaċità ta' ħżin disponibbli 'l barra mit-territorju ta' Malta u meta l-ħażniet jinżammu fil-Komunità akkont tal-Ministru, ġaladarba tali delega tkun ġiet awtorizzata minn qabel kemm mill-Ministru kif ukoll mill-iStati Membri kollha li fit-territorji tagħhom dawn il-ħażniet ikunu ser jinżammu; u, jew

(d) lil operaturi ekonomiċi oħrajn li għandhom ħażniet żejda jew kapaċità ta' ħżin disponibbli fit-territorju ta' Malta, ġaladarba li tali delega tkun ġiet ikkomunikata minn qabel lill-Awtorità. L-Awtorità tista' timponi limiti jew kondizzjonijiet

fuq tali delega.

(2) Obbligi ddelegati skont is-subregolament (ċ) u (d) ma jistgħux jiġu sottodelegati. Kull bidla lil jew estensjoni ta' delega msemmija fil-paragrafi (b) u (c) għandha tieħu effett biss jekk din tkun ġiet awtorizzata minn qabel mill-Ministru kif ukoll mill-Istati Membri kollha li fit-territorji tagħhom dawn il-ħażniet ikunu ser jinżammu. Kull bidla lil jew estensjoni ta' delega msemmija fil-paragrafu (d) għandha titqies bħala delega ġdida.

(3) L-Awtorità tista' tirrestrinġi d-drittijiet ta' delega tal-operaturi ekonomiċi li fuqhom timponi jew tkun imponiet obbligi ta' ħżin:

Iżda l-Awtorità ma tistax tillimita d-drittijiet ta' delega ta' operatur ekonomiku għal ammonti li jikkorrispondu għal inqas minn 10% tal-obbligu ta' ħżin impost fuqu, kemm-il darba l-Ministru ma jkunx waqqaf EĊĦ:

Iżda wkoll operatur ekonomiku jkollu d-dritt li jiddelega mill-inqas 10% tal-obbligu ta' ħżin impost fuqu lill-EĊĦ li tkun meħtieġa li taċċetta d-delega fir-rigward tal-ammont meħtieġ:

Iżda l-perċentwali minima msemmija f'dan is-subregolament għandha tiżdied minn 10% għal 30% sal-31 ta' Diċembru 2017.

(4) Minkejja d-dispożizzjonijiet tas-subregolamenti (1) u (2), il-Ministru jista' jimponi obbligu fuq operatur ekonomiku biex jiddelega mill-inqas parti mill-obbligu ta' ħżin tiegħu lill-EĊĦ, jekk ikun il-każ permezz ta' ordni ppubblikata fil-Gazzetta.

(5) L-Awtorità għandha tinforma lill-operaturi ekonomiċi bil-modalitajiet li għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-obbligi tal-ħżin imposti fuqhom sa mhux aktar tard minn mitejn jum qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-obbligu kkonċernat. L-operaturi ekonomiċi għandhom jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiddelegaw obbligi tal-ħżin lill-entitajiet ċentrali ta' ħżin sa mhux aktar tard minn mija u sebgħin jum qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-obbligu kkonċernat. Fejn l-operaturi ekonomiċi jkunu infurmati inqas minn mitejn jum qabel il-bidu tal-perijodu li għalih japplika l-obbligu tal-ħżin, huma jistgħu fi kwalunkwe ħin jeżerċitaw id-dritt tagħhom li jiddelegaw dak l-obbligu.

Ħażniet speċifiċi.

9. (1) Il-Ministru, wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jista' jordna li jinżamm livell minimu ta' ħażniet taż-żejt, ikkalkolat f'numru ta' jiem ta' konsum, skont il-kondizzjonijiet imniżżlin f'dan ir-regolament. Il-ħażniet speċifiċi għandhom ikunu proprjetà tal-

Gvern jew tal-EĊĦ stabbilita minnu u għandhom jinżammu fit-territorju ta' Malta u, jew ta' Stati Membri oħra, skont ma jkun il-każ.

(2) Il-ħażniet speċifiċi jistgħu jkunu magħmulin biss minn waħda jew aktar mill-kategoriji ta' prodotti li ġejjin, kif definit fit-Taqsima 4 tal-Anness B li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008:

(a) etan;

(b) GPL;

(ċ) gażolina għall-muturi;

(d) gażolina għall-avjazzjoni;

(e) karburant għall-ġettijiet tat-tip gażolina (karburant għall-ġettijiet tat-tip nafta jew JP4);

(f) karburant għall-ġettijiet tat-tip kerosin;

(g) kerosin ieħor;

(h) żejt tal-gass/żejt tad-diżil (*fuel oil* distillat);

(i) *fuel oil* (b'kontenut għoli ta' kubrit u b'kontenut baxx ta' kubrit);

(j) spirtu abjad u SPB;

(k) lubrikanti;

(l) bitum;

(m) xamgħa tal-paraffini;

(n) kokk tal-*petroleum*.

(3) Il-prodotti petroliferi li jikkostitwixxu ħażniet speċifiċi għandhom jiġu identifikati mill-Ministru abbażi tal-kategoriji elenkati fis-subregolament (2). Il-Ministru għandu jiżgura li, għas-sena ta' referenza determinata skont ir-regoli stabbiliti fir-regolament 3 u fir-rigward ta' prodotti inklużi fil-kategoriji użati, l-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-kwantitajiet ikkonsmati f'Malta jkun mill-anqas 75% tal-konsum intern ikkalkolat bl-użu tal-metodu mniżżel fit-Tieni Skeda.

(4) Għal kull waħda mill-kategoriji magħżula mill-Ministru, il-ħażniet speċifiċi li dan jimpenja ruħu li għandhom jinżammu mill-

EĊĦ għandhom jikkorrispondu għal numru stabbilit ta' jiem tal-konsum intern medju ta' kuljum imkejla abbażi tal-ekwivalenti tagħhom f'żejt mhux maħdum, matul is-sena ta' referenza determinata skont ir-regoli stabbiliti fir-regolament 3. L-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum imsemmija fis-subregolamenti (1) u (2) għandhom jiġu kkalkulati b'multiplikazzjoni b'fattur ta' 1,2 tas-somma tal-"konsenji grossi osservati interni", aggregati kif imfissra fit-Taqsima 3.2.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008, għall-prodotti inklużi fil-kategoriji użati jew ikkonċernati. L-imħażen marittimi internazzjonali mhumiex inklużi fil-kalkolu.

(5) Meta l-Ministru jkun iddeċieda li jinżamm ħażniet speċifiċi minn Malta, il-Gvern għandu jibgħat avviż lill-Kummissjoni biex ikun ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, li jispeċifika l-livell ta' dawk il-ħażniet li l-Ministru jkun impenja ruħu li jżomm u t-tul ta' dak l-impenn li għandu jkun ta' mill-inqas sena. Il-livell minimu notifikat għandu japplika għall-kategoriji kollha ta' ħażniet speċifiċi użati f'Malta.

(6) Tali ħażniet għandhom jinżammu għat-tul kollu tal-perijodu notifikat bla ħsara għad-dritt tal-Ministru li jawtorizza tnaqqis temporanju dovut biss għal operazzjonijiet individwali ta' sostituzzjoni ta' ħażniet. Il-lista ta' kategoriji użati minn Malta għandha tibqa' fis-seħħ għal mill-inqas sena u tista' tiġi emendata biss b'seħħ mill-ewwel jum ta' xahar kalendarju.

(7) F'każ li l-Gvern ma jkunx għamel impenn għat-tul kollu ta' sena kalendarja partikolari li jżomm ħażniet speċifiċi ta' mill-inqas tletin jum, mill-inqas terz tal-obbligu tal-ħżin għandu jinżamm fil-forma ta' prodotti magħmula skont is-subregolamenti (2) u (3).

(8) Meta jinżammu ħażniet speċifiċi ta' anqas minn tletin jum, l-EĊĦ għandha tfassal rapport annwali li janalizza l-miżuri meħuda biex tiżgura u tivverifika d-disponibbiltà u l-aċċess fiżiku għall-ħażniet ta' emerġenza tagħha kif imsemmi fir-regolament 5. L-EĊĦ għandha tiddokumenta fl-istess rapport l-arranġamenti magħmula sabiex il-Gvern ikun jista' jikkontrolla l-użu ta' dawn il-ħażniet f'każ ta' interruzzjoni fil-provvista taż-żejt. Dak ir-rapport għandu jintbagħat lill-Ministru u lill-Awtorità ħmistax-il jum qabel it-tmiem tal-ewwel xahar tas-sena kalendarja li għaliha huwa japplika.

Ġestjoni tal-ħażniet speċifiċi.

10. (1) L-EĊĦ għandha żżomm reġistru kontinwament aġġornat u dettaljat tal-ħażniet speċifiċi kollha miżmuma f'Malta. Dak ir-reġistru għandu jkun fih, b'mod partikolari, l-informazzjoni kollha meħtieġa biex ikun indikat b'mod preċiż il-post tal-ħażniet ikkonċernati. L-EĊĦ għandha ukoll tibgħat lill-Awtorità kopja tar-

reġistru fi żmien sebat ijiem minn talba mill-Kummissjoni għal kopja tar-reġistru. F'din il-kopja, data sensittiva relatata mal-post tal-ħażniet tista' tkun miżmuma milli tintwera'. Tali talbiet jistgħu jintlaqgħu mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data li għaliha d-*data* mitluba tkun tapplika.

(2) Fejn ħażniet speċifiċi jkunu mħalltin ma' ħażniet taż-żejt oħra, l-EĊĦ għandha timpedixxi li dawk il-prodotti mħallta jiġu mċaqalqa, sal-ammont tal-proporzjon li jikkostitwixxi ħażniet speċifiċi, mingħajr awtorizzazzjoni bil-miktub tal-Ministru.

(3) Il-Ministru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jikkonferixxu immunità inkondizzjonata minn azzjoni tal-infurzar fuq il-ħażniet speċifiċi kollha miżmuma jew trasportati f'Malta, irrispettivament minn jekk dawk il-ħażniet ikunux jappartjenu lil Gvern jew lil Stati Membri oħra.

L-effett tad-delegi.

11. Id-delegi msemmija fir-regolamenti 7 u 8 m'għandhom bl-ebda mod ibiddlu l-obbligi li jkunu r-responsabbiltà tal-Ministru skont dawn ir-regolamenti.

Sommarji tal-istatistika dwar il-ħażniet koperti mir-regolament 3.

12. (1) Fir-rigward tal-livelli tal-ħażniet li għandhom jinżammu skont ir-regolament 3, l-Awtorità għandha tfassal sommarji tal-istatistika u tippreżentahom lill-Ministru skont ir-regoli mniżżlin fir-Raba' Skeda.

(2) L-Awtorità ma tistax tinkludi kwantitajiet ta' żejt mhux maħdum jew ta' prodotti petroliferi li huma soġġetti għal ordni ta' qbid jew azzjoni ta' infurzar fis-sommarji tal-istatistika tagħha dwar il-ħażniet ta' emerġenza. Dan japplika wkoll għal ħażniet li jappartjenu għall-impriżi li jkunu f'sitwazzjoni ta' falliment jew li jkunu daħlu f'arranġament mal-krediturі.

Sommarji tal-istatistika dwar ħażniet speċifiċi.

13. (1) Jekk ikun japplika, l-EĊĦ għandha tfassal u tippreżenta lill-Ministru u lill-Awtorità sommarju tal-istatistika għal kull kategorija ta' prodotti, li juri l-ħażniet speċifiċi eżistenti fl-aħħar jum ta' kull xahar kalendarju u jispeċifika l-kwantitajiet u n-numru ta' jiem ta' konsum medju fis-sena kalendarja ta' referenza li jirrappreżentaw dawk il-ħażniet. Jekk xi whud minn dawk il-ħażniet speċifiċi jinżammu barra minn Malta, dan għandu jipprovdi dettalji tal-ħażniet miżmuma fi, jew mid-diversi Stati Membri u entitajiet ċentrali ta' ħżin ikkonċernati. Huwa għandu jipprovdi wkoll indikazzjoni dettaljata dwar jekk dawk il-ħażniet humiex proprjetà kollha tal-Gvern jew jekk ikunux proprjetà, kollha jew parzjalment, jekk ikun il-każ, tal-EĊĦ.

(2) Jekk ikun japplika, l-Awtorità għandha tfassal u tippreżenta wkoll lill-Kummissjoni sommarju dwar il-ħażniet

speċifiċi li jinsabu f'Malta u li jappartjenu għal Stati Membri jew entitajiet ċentrali ta' ħżin fi Stati Membri oħra, li juri l-ħażniet eżistenti fl-aħħar jum ta' kull xahar kalendarju u mqassmin fil-kategoriji ta' prodotti identifikati skont r-regolament 9(4). F'dak is-sommarju, l-Awtorità għandha tindika wkoll, f'kull każ, l-Istat Membru jew l-EĊĦ ikonċernata u l-kwantitajiet involuti.

(3) Is-sommarji tal-istatistika msemmija fis-subregolamenti (1) u (2) għandhom jiġu ppreżentati matul ix-xahar kalendarju ta' wara dak li għalih huma jkunu japplikaw.

(4) Kopji tas-sommarji tal-istatistika għandhom jintbagħtu wkoll minnufih fuq talba mill-Ministru. Tali talbiet jistgħu jsiru mhux aktar tard minn ħames snin wara d-data li għaliha d-data mitluba tkun tapplika.

Sommarji tal-ħażniet kummerċjali.

14. (1) L-operatur ekonomiku għandu jibgħat lill-Awtorità sommarju tal-istatistika ta' kull xahar dwar il-livelli tal-ħażniet kummerċjali u tal-ħażniet ta' emerġenza miżmuma f'Malta. Kull *data* għandha tkun provduta sal-livell ta' dettal u ta' kategorizzazzjoni meħtieġ mill-Awtorità:

Iżda dak il-livell ta' dettal u ta' kategorizzazzjoni għandu jkun proporzjonali mal-livell meħtieġ mill-Awtorità biex taqdi l-obbligi ta' rapportar u ta' verifika tagħha taħt dawn ir-regolamenti.

(2) Id-*data* msemmija fis-subregolament (1) għandha tintbagħat lill-Awtorità mhux iktar mill-ħmistax-il ġurnata mit-tmiem tax-xahar li għalih ir-rapport ikun dovut, ħlief għal kif jista' jiġi meħtieġ b'mod ieħor mill-Awtorità. Dik id-*data* għandha tintbagħat fil-mod, sura jew format meħtieġ mill-Awtorità, inkluż b'mod elettroniku.

Bijokarburanti u addittivi.

15. (1) Meta jkunu qed jiġu kkalkolati l-obbligi skont ir-regolamenti 3 u 9 il-bijokarburanti u l-addittivi għandhom jiġu kkunsidrati biss meta dawn ikunu ġew imħalltin mal-prodotti petroliferi kkonċernati.

(2) Meta jiġu kkalkulati l-livelli tal-ħżin li jkunu realment miżmuma, tingħata konsiderazzjoni lill-bijokarburanti u l-addittivi meta:

(a) huma jkunu tħalltu mal-prodotti petroliferi kkonċernati; jew

(b) huma jkunu maħżuna fit-territorju ta' Malta:

Iżda dawk il-bijokarburanti u l-addittivi għandhom jitqiesu

biss meta jkun hemm fis-seħħ obbligi legali mandatorji biex jiżguraw li l-bijokarburanti jitħalltu mal-prodotti petroliferi miżmumin skont ir-rekwiżiti tal-ħżin imniżżlin f'dawn ir-regolamenti u li huma jkunu ser jintużaw fit-trasportazzjoni.

Reviżjonijiet tal-istat ta' tħejjija għal emerġenza u l-ħżin.

16. (1) L-Awtorità jew l-EĊĦ, skont kif jista' jkun il-każ, għandhom jipprovdu *data* sensittiva relatata mal-post tal-ħażniet għad-dispożizzjoni tal-impjegati jew l-aġenti awtorizzati tal-Kummissjoni fi żmien ġimgħa wara ordni bil-miktub mill-Ministru skont dan is-subregolament.

(2) L-Awtorità u dawk responsabbli għaż-żamma u l-manutenzjoni u l-ġestjoni tal-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi jistgħu jiġu spezzjonati, u meta jiġu spezzjonati għandhom jipprovdu assistenza lill-persuni awtorizzati mill-Ministru biex iwettqu reviżjonijiet tat-tħejjija għal emerġenza u l-ħżin. Dawk il-persuni għandhom b'mod partikolari, jingħataw id-dritt li jikkonsultaw id-dokumenti u r-reġistri kollha relatati mal-ħażniet u li jkollhom id-dritt ta' aċċess għas-siti kollha fejn jinżammu l-ħażniet u għad-dokumenti kollha relatati.

(3) L-uffiċjali, l-aġenti u persuni oħra li jaħdmu taħt is-superviżjoni tal-Kummissjoni, kif ukoll il-membri tal-Grupp ta' Koordinazzjoni ma jistgħux jiżvelaw kwalunkwe informazzjoni li tkun inġabret jew ġiet skambjata skont dan ir-regolament u li, minħabba fix-xorta tagħha, hija koperta bis-sigriet professjonali, bħal per eżempju l-identità tal-proprjetarji tal-ħażniet.

(4) L-Awtorità, l-operaturi ekonomiċi, u jekk ikun il-każ il-EĊĦ għandhom iżommu d-*data*, ir-rekords, is-sommarji u d-dokumenti kollha relatati mal-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi għal perijodu ta' mill-inqas ħames snin.

Protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar tad-*data*.
Kap. 440.

17. Dawn ir-regolamenti huma bla preġudizzju għal u ma jaffettwaw bl-ebda mod il-livell ta' protezzjoni ta' individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali taħt l-Att dwar il-Privatezza u l-Protezzjoni tad-*Data*.

Proċeduri f'emerġenza.

18. (1) Il-Ministru jista' jordna bil-miktub lill-Awtorità, u jekk ikun il-każ l-EĊĦ biex jirrilaxxaw malajr, b'mod effettiv u trasparenti l-ħażniet ta' emerġenza jew il-ħażniet speċifiċi tagħhom kollha jew parti minnhom fil-każ ta' interruzzjoni maġġuri tal-provvista, u li jimponu restrizzjonijiet ġenerali jew speċifiċi fuq il-konsum f'konformità man-nuqqasijiet li jkunu stmati, fost l-oħrajn bl-allokazzjoni tal-prodotti petroliferi lil xi gruppi ta' utenti fuq bażi prijoritarja.

(2) L-Awtorità għandha f'kull waqt ikollha pjani ta'

kontinġenza li għandhom jiġu implimentati fil-każ ta' interruzzjoni kbira tal-provvista u għandhom jipprevedu miżuri ta' organizzazzjoni li għandhom jittieħdu biex jippermettu li dawk il-pjani jiġu implimentati. Fuq talba, l-Awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni dwar bil-pjan ta' kontinġenza u l-arranġamenti organizzattivi korrispondenti.

(3) F'każ ta' deċiżjoni internazzjonali jew tal-Komunità effettiva għar-rilaxx tal-ħażniet li taffettwa lil Malta, il-Ministru jista' jordna bil-miktub lill-Awtorità biex tordna lill-operaturi ekonomiċi u lill-EĊĦ skont kif ikun il-każ, biex jużaw il-ħażniet ta' emerġenza u l-ħażniet speċifiċi sabiex jissodisfaw l-obbligi internazzjonali taħt dik id-deċiżjoni. Meta jagħmel dan, il-Ministru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni minnufih bl-ammont irrilaxxat.

(4) Il-Ministru jista' jordna bil-miktub lill-Awtorità biex tordna lill-operaturi ekonomiċi u lill-EĊĦ skont kif ikun il-każ, biex jirrilaxxaw ħażniet ta' emerġenza u ħażniet speċifiċi taħt il-livell minimu obbligatorju stabbilit minn dawn ir-regolamenti f'ammonti li jkunu immedjatament meħtieġa għal rispons inizjali f'każijiet ta' urġenza partikolari jew bħala soluzzjoni għall-kriżijiet lokali. F'każ ta' tali rilaxx il-Ministru għandu jinforma immedjatament lill-Kummissjoni dwar l-ammont rilaxxat.

(5) Meta jiġu applikati s-subregolamenti (3) u (4), il-Ministru jista' jordna bil-miktub lill-Awtorità biex tawtorizza lill-operaturi ekonomiċi u lill-EĊĦ skont kif ikun il-każ, biex jinżammu b'mod temporanju livelli ta' ħażniet aktar baxxi minn dawk stabbiliti bid-dispożizzjonijiet ta' dawn ir-regolamenti.

(6) Mill-1 ta' Jannar 2013, operaturi ekonomiċi u EĊH, skont kif ikun il-każ, għandhom iżommu *data* u dokumentazzjoni li għandha x'taqsam ma' ħażniet, miżmuma għall-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti, għal perjodu ta' żmien ta' mill-inqas ħames snin.

Multi amministrattivi.

19. (1) L-Awtorità tista' timponi multa amministrattiva kif dispost mill-Att skont l-artikolu 31 fuq kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' dawn ir-regolamenti jew li tonqos milli tikkonforma ma' xi direttiva jew deċiżjoni mogħtija mill-Awtorità biex tiżgura konformità ma' dawn ir-regolamenti.

(2) Bla ħsara għas-subregolament (1), operatur ekonomiku li -

(a) ma jissottomettix *data* lill-Awtorità fiż-żmien stabbilit; u, jew

(b) jipprovdi informazzjoni li ma tkunx korretta jew tkun tiżvija jew mhux preċiża; u, jew

(ċ) jipprovdi *data* b'format li jkun differenti minn dak mitlub mill-Awtorità; u, jew

(d) b'xi azzjoni jew nuqqas ta' azzjoni tkun liema tkun u b'kull mod kif tista' tiġi deskritta, jonqos milli jżomm il-ħażniet taż-żejt kif meħtieġ li jkunu miżmuma mill-Awtorità skont dawn ir-regolamenti,

tiġi imposta fuqu multa amministrattiva li ma għandhiex tkun teċċedi mitt elf euro (€100,000) għal kull kontravvenzjoni u, jew sitt mitt euro (€600) għal kull jum ta' nuqqas ta' tħaris.

Reati u pieni.

20. Kull persuna li -

(a) tonqos milli tikkonforma ruħha ma' xi ordni leġittima mogħtija minn spettur, impjegat jew uffiċjal tal-Awtorità waqt l-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom; u, jew

(b) tostakola, tfixkel, timmolesta jew tindaħal jew tipprova tostakola, tfixkel, timmolesta jew tindaħal lil xi spettur, uffiċjal jew impjegat tal-Awtorità fl-eżekuzzjoni ta' dmirijiethom; u, jew

(ċ) tagħmel dikjarazzjoni għal xi wieħed mill-għanijiet ta' dawn ir-regolamenti li tkun falza, qarrieqa jew skorretta f'xi aspett materjali,

tkun ħatja ta' reat kontra dawn ir-regolamenti u teħel, meta tinsab ħatja, priġunerija għal perjodu ta' mhux iktar minn tmintax-il xahar, jew multa ta' mhux aktar minn disgħa u sittin elf euro (€69,000), jew ta' elf u tliet mitt euro (€1,300) għal kull jum li fih jibqa' għaddej ir-reat, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Jirrevoka l-A.L.237 tal-2002.

21. Ir-Regolamenti tal-2002 dwar Żejt Mhux Maħdum u Prodotti tal-*Petroleum* (Ħażniet Minimi ta' Sigurtà u Maniġġar ta' Kriżi) huma b'dawn imħassra.

L-Ewwel Skeda
Regolament 3

METODU GĦALL-KALKOLU TAL-EKWIVALENTI F'ŻEJT MHUX MAĦDUM TAL-IMPORTAZZJONI TA' PRODOTTI PETROLIFERI

L-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-importazzjoni ta' prodotti petroliferi, kif imsemmi fir-regolament 3, għandha tiġi kkalkolata bl-użu tal-metodu li ġej:

L-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-importazzjoni ta' prodotti petroliferi tinkiseb billi jiġi kkalkolat it-total tal-importazzjoni netta ta' żejt mhux maħdum, NGL, prodotti għall-alimentazzjoni tar-raffineriji u idrokarburi oħra kif definit fit-Taqsima 4 tal-Anness B li jinsab mar-Regolament Nru 1099/2008, (KE), bl-aġġustament tar-riżultat biex tingħata konsiderazzjoni lil kwalunkwe tibdil fil-ħażniet, bi tnaqqis ta' 4% għar-rendiment ta' nafta (jew, jekk ir-rendiment medju ta' nafta ġewwa t-territorju nazzjonali jkun akbar minn 7%, bi tnaqqis tal-konsum effettiv nett ta' nafta jew ir-rendiment medju ta' nafta) u biż-żieda ta' dan, mal-importazzjoni netta tal-prodotti petroliferi l-oħra kollha barra n-nafta, aġġustati wkoll biex jittieħed kont tat-tibdil tal-ħażniet u mmultiplikat b'fattur ta' 1.065.

L-imħażen marittimi internazzjonali mhumiex inklużi fil-kalkolu.

It-Tieni Skeda
Regolament 3

METODU GĦALL-KALKOLU TAL-EKWIVALENTI F'ŻEJT MHUX MAĦDUM TAL-KONSUM INTERN

Għall-fini tar-regolament 3, l-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-konsum intern għandu jiġi kkalkolat bl-użu tal-metodu li ġej:

Il-konsum intern huwa t-total tal-"konsenji grossi osservati interni", aggregati kif definit fit-Taqsima 3.2.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-prodotti li ġejjin biss: gażolina għall-muturi, gażolina għall-avjazzjoni, karburant għall-ġettijiet tat-tip gażolina (karburant għall-ġettijiet tat-tip nafta jew JP4), karburant għall-ġettijiet tat-tip kerosin, kerosin ieħor, gażolju/żejt tad-diżil (*fuel oil* distillat) u *fuel oil* (b'kontenut għoli ta' kubrit u b'kontenut baxx ta' kubrit) kif definiti fit-Taqsima 4 tal-Anness B li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008.

L-imħażen marittimi internazzjonali mhumiex inklużi fil-kalkolu.

L-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum tal-konsum intern huwa kkalkolat b'multiplikazzjoni b'fattur ta' 1.2.

B 1256

It-Tielet Skeda
Regolament 4 (1)

METODI GĦALL-KALKOLU TAL-LIVELL TA' ĦAŻNIET MIŻMUMA

Il-metodi li ġejjin għandhom jintużaw għall-kalkolu tal-livell ta' ħażniet:

Mingħajr preġudizzju għall-każ imsemmi fir-regolament 4(1), l-ebda kwantità ma tista' tingħadd bħala ħażna aktar minn darba.

Il-ħażniet ta' żejt mhux maħdum huma mnaqqsa b'4%, li jikkorrispondi għar-rendiment medju ta' nafta.

Il-ħażniet ta' nafta u ta' prodotti petroliferi għall-imħażen marittimi internazzjonali mhumiex inklużi.

Prodotti petroliferi oħra huma inklużi fl-ammont tal-ħażniet bl-użu ta' wieħed miż-żewġ metodi mniżżlin hawn taħt. L-Istati Membri għandhom ikomplu jużaw il-metodu li jkunu għażlu matul is-sena kalendarja kkonċernata kollha.

L-Awtorità tista':

(a) tinkludi l-ħażniet l-oħra kollha tal-prodotti petroliferi identifikati fl-ewwel paragrafu tat-Taqsima 3.1 tal-Anness Ċ li jinsab mar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 u jikkalkolaw l-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum b'multiplikazzjoni tal-kwantitajiet b'fattur ta' 1.065; jew

(b) tinkludi l-ħażniet tal-prodotti li ġejjin biss: gażolina għall-muturi, gażolina għall-avjazzjoni, karburant għall-ġettijiet tat-tip gażolina (karburant għall-ġettijiet tat-tip nafta jew JP4), karburant għall-ġettijiet tat-tip kerosin, kerosin ieħor, gażolju/żejt tad-diżil (*fuel oil* distillat) u *fuel oil* (b'kontenut għoli ta' kubrit u b'kontenut baxx ta' kubrit) u jikkalkolaw l-ekwivalenti f'żejt mhux maħdum b'multiplikazzjoni tal-kwantitajiet b'fattur ta' 1.2.

Il-kalkolu jista' jinkludi l-kwantitajiet miżmuma:

- fit-tankijiet tar-raffineriji taż-żejt,
- fit-*terminals* għall-merkanzija ta' volum kbir,
- fir-riżervi ta' alimentazzjoni tal-pajpijiet taż-żejt,
- fil-barkuni,
- fit-*tankers* taż-żejt li jbaħħru tul il-kosta,
- fit-tankijiet taż-żejt li jinsabu fil-portijiet,

- fl-imħażen tal-bastimenti ta' navigazzjoni interna,

- fil-qiegħ tat-tankijiet,

- fil-forma ta' ħażniet għall-użu,

- minn konsumaturi importanti għall-obbligu legali jew direttivi oħra tal-awtoritajiet.

Madankollu, dawk il-kwantitajiet, ħlief għal dawk miżmuma fit-tankijiet tar-raffineriji, fit-tankijiet tal-ħżin għall-alimentazzjoni tal-pajpijiet taż-żejt jew f'*terminals* tal-merkanzija, ma jistgħux jiġu inklużi fil-kalkolu tal-livelli tal-ħażniet speċifiċi fejn tali ħażniet jiġu kkalkolati separatament mill-ħażniet ta' emerġenza.

Il-kalkolu ma jista' qatt jinkludi:

(a) żejt mhux maħdum li jkun għadu ma ġiex prodott;

(b) kwantitajiet miżmuma:

- fil-pajpijiet taż-żejt,

- fil-vaguni tat-tankijiet tal-ferrovija,

- fl-imħażen tal-bastimenti tal-ibħra internazzjonali,

- fil-pompi tal-petrol u l-ħwienet li jbiegħu bl-imnut,

- minn konsumaturi oħra,

- fit-*tankers* li jkunu fuq il-baħar,

- fil-forma ta' ħażniet militari.

Fil-kalkolu tal-ħażniet tagħhom, l-Awtorità għandha tnaqqas il-kwantitajiet ta' ħażniet kkalkolati kif imniżżla hawn fuq b'10%. Dak it-tnaqqis japplika għall-kwantitajiet kollha inklużi f'kalkolu speċifiku.

Madanakollu, l-ebda tnaqqis ta' 10% ma għandu japplika għall-kalkolu tal-livell ta' ħażniet speċifiċi jew il-livelli tal-kategoriji differenti ta' ħażniet speċifiċi fejn dawk il-ħażniet jew kategoriji jkunu kkunsidrati separatament mill-ħażniet ta' emerġenza, partikolarment bil-ħsieb li tiġi vverifikata l-konformità mal-livelli minimi stabbiliti bir-regolament 9.

B 1258

Ir-Raba' Skeda
Regolament 14

Regoli għat-tħejjija u l-preżentazzjoni lill-Kummissjoni tas-sommarji tal-istatistika tal-ħażniet li għandhom jinżammu skont ir-regolament 3

L-Awtorità għandha tfassal u tippreżenta lill-Ministru, fuq bażi ta' kull xahar, sommarju definittiv tal-istatistika tal-livell tal-ħażniet effettivament miżmum fl-aħħar jum tax-xahar kalendarju abbażi tan-numru ta' jiem ta' importazzjoni netta ta' żejt jew abbażi tan-numru ta' jiem ta' konsum intern ta' żejt, skont ir-regolament 3.

Is-sommarju tal-istatistika għandu jipprovdi dettalji preċiżi dwar ir-raġuni għaliex il-kalkolu huwa bbażat fuq in-numru ta' jiem ta' importazzjoni jew, għall-kuntrarju, fuq in-numru ta' jiem ta' konsum u għandu jispeċifika liema wieħed mill-metodi ta' kalkolu mniżżlin fit-Tielet Skeda ntuża.

Jekk xi whud mill-ħażniet inklużi fil-kalkolu tal-livell ta' ħażniet miżmuma skont ir-regolament 3 jinżammu barra mit-territorju nazzjonali, kull sommarju għandu jagħti d-dettalji tal-ħażniet miżmuma mid-diversi Stati Membri u l-ETĦs kkonċernati fl-aħħar jum tal-perjodu li għalih huwa japplika.

Fis-sommarju tagħha, l-Awtorità għandha tindika wkoll, f'kull każ, jekk il-ħażniet ikunux qed jinżammu wara talba ta' delega magħmula minn operatur ekonomiku wieħed jew aktar jew jekk ikunux qed jinżammu fuq it-talba tagħha jew fuq it-talba tal-entità tal-kontroll tal-ħażniet jekk ikun il-każ.

Għal kull ħażna miżmuma minn Stat Membru fit-territorju tiegħu f'isem Stati Membri oħrajn jew ETĦs oħrajn, l-Awtorità għandha tfassal u tippreżenta lill-Ministru sommarju li juri l-ħażniet eżistenti fl-aħħar jum ta' kull xahar kalendarju, imqassmin skont il-kategoriji tal-prodotti. F'dak is-sommarju, l-Awtorità għandha tindika wkoll, b'mod partikolari, l-Istat Membru jew l-ETĦ ikkonċernata u l-kwantitajiet involuti f'kull każ.

Is-sommarji tal-istatistika msemmija f'din l-iSkeda għandhom jiġu ppreżentati lill-Kummissjoni fi żmien ħamsa u ħamsin jum wara t-tmiem tax-xahar li għalihom huma japplikaw. Dawk l-istess sommarji għandhom jiġu ppreżentati wkoll mill-Awtorità fi żmien xahrejn wara li ssir talba mill-Kummissjoni.